



Kunsill Ewropew

Brussell, 23 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

EUCO 23/25
EXT 1

CO EUR 19
PV/CO EUR 9

MINUTI

Suġġett: Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (23 ta' Ottubru 2025)

Silta mill-Minuti tal-Kunsill Ewropew, li ser tiddaħħal taħt il-punt dwar il-Kompetittività u t-tranżizzjoni doppja:

(...)

Id-dikjarazzjoni għall-minuti ppreżentata mir-Repubblika ta' Malta hija riprodotta fl-Anness.

(...)

Dikjarazzjoni mir-Repubblika ta' Malta

"Malta tapprezza li ser jitqiesu ċ-"ċirkostanzi nazzjonali differenti" kif rifless fil-paragrafu 40 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew. Huwa vitali li l-politika tal-UE dwar il-klima tirrifletti r-realtajiet strutturali, ġeografiċi u ekonomiċi uniċi tal-Istati Membri gżejjer.

Il-gżejjer jiffaċċaw ħafna sfidi, fosthom id-dipendenza fuq l-importazzjoni, l-insularità, il-potenzjal limitat tat-tnaqqis, u l-konnettività limitata, li jirriżultaw f'nuqqas ta' kosteffettività għall-azzjoni klimatika. Madankollu, l-obbligi tal-Istati Membri gżejjer huma ferm aktar onerużi billi jridu jissodisfaw dawn l-esiġenzi mingħajr l-appoġġ ta' stat prinċipali ikbar. Dan iżid id-diffikultajiet tagħhom biex ikomplu jiddekarbonizzaw l-ekonomiji tagħhom.

Ir-rikonoxximent tal-Istati Membri gżejjer flimkien mal-iżgurar ta' aktar flessibbiltà fil-qafas legali dwar il-klima huwa essenzjali biex jiġi żgurat li l-ebda Stat Membru ma jiġi affettwat b'mod sproporzjonat mill-obbligi klimatiċi."
